

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## ta' l-Unjoni Ewropea

L 224

Volum 50

29 ta' Awwissu 2007

Edizzjoni bil-Malti

### Leġiżlazzjoni

Werrej	I	Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja	
		REGOLAMENTI	
		Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 995/2007 tat-28 ta' Awwissu 2007 li jstabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .....	1
	★	<b>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/2007 tat-28 ta' Awwissu 2007 li jemenda għall-84 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 .....</b>	<b>3</b>
	II	Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja	
		DEĊIŻJONIJIET	
		<b>Kummissjoni</b>	
		2007/592/KE:	
	★	<b>Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Awwissu 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/656/KE dwar il-lista ta' territorji li minnhom hija awtorizzata importazzjoni ta' ħut ornamentali tropikali (notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3960) <sup>(1)</sup> .....</b>	<b>5</b>

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 995/2007

tat-28 ta' Awwissu 2007

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemminjati fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffixati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

## ANNEX

**tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-28 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MK	55,1
	TR	85,9
	XS	30,7
	ZZ	57,2
0707 00 05	TR	114,0
	ZZ	114,0
0709 90 70	TR	88,4
	ZZ	88,4
0805 50 10	AR	68,0
	UY	53,1
	ZA	59,4
	ZZ	60,2
0806 10 10	EG	167,2
	TR	99,0
	ZZ	133,1
0808 10 80	AR	52,8
	AU	166,3
	BR	88,2
	CL	83,0
	CN	89,9
	NZ	91,1
	US	99,4
	ZA	92,5
	ZZ	95,4
0808 20 50	AR	44,9
	TR	124,1
	ZA	132,5
	ZZ	100,5
0809 30 10, 0809 30 90	TR	143,5
	ZZ	143,5
0809 40 05	BA	41,3
	IL	89,0
	MK	44,8
	TR	78,6
	ZZ	63,4

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 996/2007****tat-28 ta' Awwissu 2007****li jemenda għall-84 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skond dak ir-Regolament.

- (2) Fl-1 u t-13 ta' Awissu 2007, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għandhom japplikaw. L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDÁBURU

*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 969/2007 tal-Kummissjoni (ĠU L 215, 18.8.2007, p. 6).

## ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-annotazzjoni li ġejja għandha titneħħa mill-intestatura "Persuni, gruppi u entitajiet legali":

"De Afganistan Momtaz Bank"

- (2) L-annotazzjoni "Ahmad Fadi Nazal **Al-Khalayleh** (magħruf ukoll bħala (a) Abu Musab Al-Zarqawi, (b) Muhannad, (c) Al-Muhajer, (d) Garib). Data tat-twelid: 30.10.1966. Post tat-twelid: Al-Zarqaa, il-Ġordan. Informazzjoni oħra: Allegatament miet f'Ġunju ta' l-2006" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Ahmad Fadi Nazal **Al-Khalayleh** (magħruf ukoll bħala (a) Abou Musab Al-Zarqawi, (b) Muhannad, (c) Al-Muhajer, (d) Garib, (e) Abou Musaab El Zarquawi, (f) Ahmed Fad Al Nazzar Khalaylah Said, (g) Al Zarqawi Abu Musa'ab, (h) Al Zarqawi Abu Musab, (i) Al Zarqawi Ahmed Fad Al Nazzar Khalaylah Said Abu Musab, (j) Alkhalayleh Ahmed, (k) Azzarkaoui Abou Moussab, (l) El Zarquawi Abu Musaab, (m) Zarkaoui Abou Moussaab, (n) Abu Ahmad, (o) Abu Ibrahim). Data tat-twelid: (a) 30.10.1966, (b) 20.10.1966. Post tat-twelid: (a) Al-Zarqaa, il-Ġordan, (b) Al Zarqa, il-Ġordan (c) Al Zarqaa, il-Ġordan. Nru tal-passaport: (a) Z 264958 (passaport tal-Ġordan maħruġ fl-4.4.1999 f'Al Zarqaa, il-Ġordan), (b) 1433038 (karta ta' l-identità tal-Ġordan maħruġa fl-4.4.1999 f'Al Zarqaa, il-Ġordan). Informazzjoni oħra: Allegatament miet f'Ġunju ta' l-2006."

- (3) L-annotazzjoni "Aiman Muhammed Rabi **Al-Zawahiri** (magħruf ukoll bħala (a) Ayman Al-Zawahari, (b) Ahmed Fuad Salim). Titolu: Doctor. Data tat-twelid: 19.6.1951. Post tat-twelid: Giża, l-Eġittu. Nazzjonalità: Maħsub li hu ċittadin Eġizzjan. Nru tal-passaport: (a) 1084010 (l-Eġittu), (b) 19820215. Informazzjoni oħra: (a) Eks-mexxej operattiv u militari tal-Grupp Ġiħad Iżlamiku Eġizzjan, illum kollaboratur qrib ta' Usama Bin Laden, (b) Joqgħod fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan."

"Aiman Muhammed Rabi **Al-Zawahiri** (magħruf ukoll bħala (a) Ayman Al-Zawahari, (b) Ahmed Fuad Salim, (c) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi Abdel Muaz, (d) Al Zawahiri Ayman, (e) Abdul Qader Abdul Aziz Abdul Moez Al Doctor, (f) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi, (g) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabie, (h) Al Zawahry Aiman Mohamed Robi, (i) Dhawahri Ayman, (j) Eddaouahiri Ayman, (k) Nur Al Deen Abu Mohammed, (l) Abu Fatma, (m) Abu Mohammed). Titolu: (a) Tabib, (b) Dr Data tat-twelid: 19.6.1951. Post tat-twelid: Giża, l-Eġittu. Nazzjonalità: Maħsub li hu ċittadin Eġizzjan. Nru tal-passaport: (a) 1084010 (l-Eġittu), (b) 19820215. Informazzjoni oħra: (a) Eks-mexxej operattiv u militari tal-Grupp Ġiħad Iżlamiku Eġizzjan, illum kollaboratur qrib ta' Usama Bin Laden, (b) Joqgħod fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan."

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻONIJIET

## KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Awwissu 2007

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/656/KE dwar il-lista ta' territorji li minnhom hija awtorizzata importazzjoni ta' ħut ornamentali tropikali**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3960)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/592/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

hija tassigura notifika ta' kull eventwalità dwar saħħa ta' annimali ta' l-ilma lil membri oħra ta' l-OIE.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fuq is-suq ta' annimali u prodotti ta' l-akwakultura <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tiegħu,

(3) Il-Maldivi kienet esportatur importanti ta' ħut ornamentali tropikali lejn xi Stati Membri imma għadha mhijiex membru ta' l-OIE. Iżda, b'ittra bid-data 9 ta' Mejju 2007, il-Maldivi ikkomettet ruħha li tissieħeb fl-OIE u li tissodisfa l-obbligi ta' sħubija bħal din fil-perjodu temporanju qabel ma ssir uffiċjalment membru ta' l-OIE.

Billi:

(1) Il-Parti II ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/656/KE ta' l-20 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi kondizzjonijiet għas-saħħa ta' l-annimali u rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni għal importazzjoni ta' ħut għal fini ornamentali <sup>(2)</sup> telenka lista ta' territorji li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' ħut ornamentali tropikali fil-Komunità. Dik il-lista tinkludi l-pajjiżi membri kollha ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE).

(4) Il-Maldivi għandha tkun inkluża fil-Parti II ta' l-Anness I mad-Deċiżjoni 2006/656/KE qabel ma tissieħeb uffiċjalment fl-OIE. Iżda, jekk il-Maldivi ma tissiehbix fl-OIE sal-31 ta' Diċembru 2007 l-aktar tard, importazzjoni ta' ħut ornamentali tropikali minn dak il-pajjiż fil-Komunità ma għandhiex tibqa' tkun awtorizzata wara dik id-data.

(5) Id-Deċiżjoni 2006/656/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(2) Il-ħut ornamentali tropikali mhuwiex suxxettibbli għal mard elenkat fl-Anness A tad-Direttiva 91/67/KEE u huma ta' riskju relattivament baxx għall-qagħda tas-saħħa ta' l-annimali fil-Komunità. Is-sħubija fl-OIE kienet meqjusa bħala li tissodisfa l-kriterji, kif hemm referenza fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 91/67/KEE, li magħhom pajjiżi terzi għandhom jikkonformaw biex ikunu jistgħu jespertaw ħut ornamentali tropikali lejn il-Komunità, billi

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

<sup>(1)</sup> ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 271, 30.9.2006, p. 71.

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2006/656/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Awwissu 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

ANNEX

Fil-Parti II ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 2006/656/KE, għandu jiġi miżjud it-test li ġej:

“Il-Maldivi, sakemm tissieħeb fl-OIE. Fkaż li l-Maldivi ma tkunx saret pajjiż membru ta' l-OIE sal-31 ta' Diċembru 2007, importazzjoni ta' ħut ornamentali tropikali minn dak il-pajjiż ma għandhiex tibqa' awtorizzata wara dik id-data.”

---